TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizzjoni Nru. 128

KAZ NRU 162

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Mrs Gracie Xuereb
u
Messrs M.K.I. of Gozo
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Chairman: Carmel Rowe

Dan il-kaz intbaghad quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol f'Settembru 1981, taht id-desposizzjonijiet tal-Att 28(2) tal-Att Nru XXX tal-1976. Dan il-kaz hu dwar tkeccija li l-appellant tallega li kienet ingusta.

2. L-appellant kienet rapprezentata mis-Sur Lino Debono M.P. Ghall M.K.I. dehru Sur Silvio Zammit assistit mis-Sinjorina Pauline Tabone.

3. Din kienet l-ewwel darba fl-istorja tat-Tribunal Industrijali li billi l-partijiet kienu mill-gzira ta' Ghawdex, il-kaz instema hemmhekk, fil-Qorti ta' Ghawdex.
Waqt it-trattazzjoni tal-kaz instemghu dawn ix-xhieda:-

L-appellant - Mrs Gracie Xuereb

It-tabib Grech - ghall-appellant

Miss Pauline Tabone u Mr Silvio Zammit ghad-ditta M.K.I.

4. Statement of Case

Is-Sur Lino Debono ghall-appellant ghamel Statement verbali li gie recorded u t-transcript tieghu jinsab inkluz fid-dokument tax-xhieda.

.../2

Fil-11 ta' Awissu 1981, l-appellant waqt li kienet fuq ix-xoghol tawha messagg li t-tifel taghha, tarbija ta' ftit xhur kienu ser jiehduh l-isptar.

Talbet permess lis-sinjorina Pauline Tabone biex tmur id-dar u saret taf li kellha bzann taghmel xi granet id-dar biex tiehu hsieb it-tarbija.

L-ghada fit-12 ta' Awissu cemplet il-fabbrika u kelmet lil Miss Tabone u qaltilha li kellha bzonn tibqa barra ghal xi ghaxar tijiem biex iddur bit-tifel taghha. Fit-tlettax tax-xahar irceviet ittra fejn qalulha li x-xoghol taghha gie terminat u li meta tkun lesta biex tahdem, il-Management jerga jhaddimha.

Mrs Xuereb ma gietx imkeccija ghax-ghamlet xi xoghol hazin, jew ghax ma kienitx habrieka jew ghax ghamlet xi distorbju fil-fabbrika, imma l-management kien isib kull skuza biex inaqqas il-haddiema mill-fabbrika.

Mrs Xuereb kien ghad baqaghla tmin tijiem leave, hija ma ghandiex tbati minn decizjoni tal-management, decizjoni li tmur kontra l-ligi umana u kontra l-ligi Industrijali, ghax tkeccija mix-xoghol hu pass estrem.

Mrs Xuereb kella bzonn tkun ma binha, tarbija marida; u meta ma marritx ghax-xoghol ma ghamlitx dan b'kapricc.

L-appellant fuq dawn il-punti titlob li t-Tribunal isib li tkeccija kienet ingusta u ghaldaqshekk ghandha tigi mhallsa ta' kwalunkwe danni jew pagi li hi tilfet b'konsegwenza tat-tkeccija ngusta.

Is-Sur Silvio Zammit qara li Statement of Case ghall-kumpanija M.K.I.

Fih intqal li matul it-tmien gimghat bijn nofs Lulju u nofs Settembru, il-kumpanija M.K.I. ikollha pressjoni mhux tas-soltu, ghax il-bicca l-kbira tal-ordnijiet ghas-suq tax-xitwa ikollhom jitlestew u jitwasslu fid-destinazzjoni taghhom f'dan iz-zmien; barra minn hekk f'dan il-perijodu wkoll, jigu minn barra 'designers' apposta biex joholqu disinji ghal produzzjoni ta' hwejjeg ghas-sajf ta' wara.

Minn dan il-perijodu tas-sampling jiddependi l-andament tal-fabbrika. Ma jistax jibda qabel minhabba xi xejriet tal-moda ma jkunx stabbilit u l-anqas jista jithalla ghal aktar tard ghax jistghu jintilfu l-opportunitajiet ta' partecipazzjoni tal-M.K.I. f'wirjiet specjalizzati li jsiru fi bliet principali tal-pajjizi tal-European Economic Community.

Din is-sistema ilha tigi segwita ghal snin shah u ghalkemm imfissra tajjeb lil-haddiema li whud minnhom gie li zammewhom is-sena kolla, avolja ma jkunx hemm bzonnhom matul daz-zmien kollu, biex b'hekk insibuhom maghna fiz-zmien krucjali ghal-fabbrika, xorta jkun hemm talbiet insistenti minn xi whud mill-haddiema biex jiehdu l-leave f'dan iz-zmien u jkollna nirrifjutaw. Mhux l-ewwel darba li l-istess haddiema pprovaw jirrikorru ghal-mezzi barra minn lokhom bhal (a) jinqdew b'xi membru tal-familja li jokkupa post gholi fis-settur pubbliku (b) b'xi membru parlamentari kif ukoll (c) tele-fonati mimlija kliem vulgari biex jimponu rohhom fuq il-management u b'hekk jigu moghtija l-leave li jkunu jridu.

Xi drabi dawn il-haddiema jgibu skuzi li ghandhom xi membru tal-familja marid id-dar jew li jkollhom bzonn li morru ma xi qraba barra minn Malta ghal xi trattament mediku.

Il-ligi Industrijali jawtorrizaw lil min ihaddem jibghat tabib tal-kumpanija biex jivverifikaw kazi ta' mard irraportat minn xi haddiema, imma mhux awtorizzat biex jivverifika mard ta' membri tal-familja tal-haddiema.

.../4

Fil-12 ta' Awissu, 1981 l-appellant Mrs Gracie Xuereb, wahda mill-haddiema fl-M.K.I. cemplet lil Miss P Tabone: responsabbli mis-sampling section: u nfurmatha li mhabba li binha kien marid ma kienitx sejra tirraporta ghax-xoghol ghal mill inqas gimghatejn li matulhom binha kellu jibqa fis-sodda u wara kella tghidilna meta jew jekk kienitx ser tirraporta ghax-xoghol.

Fic-cirkostanzi, Miss Tabone kif ukoll id-designer talbu li jkollhom 'replacement' minnufih ta' Mrs Xuereb, peress li kif fissirna qabel, is-sampling area kienet f'dan iz-zmien qed tahdem fuq 'tight schedule'.

Xoghol mhux mitmum kien ifisser telf ta' business serju lill-fabbrika. Biex sar replacement malajr kellhom jittrasferixxu wahda minn 'knitters' li kienet fully occupied u bhala rizultat l-ordni li kienet tahdem giet kancellata.

Il-kumpanija rreferiet il-kaz lil-konsulenti taghha u dawn tat-parir li galadarba din il-persuna ma kienitx lesta li twettaq u t'onora il-kondizzjonijiet u r-responsabiltajiet li hi kella bejn il-fabbrika kif espressa fil-kuntratt tax-xoghol moghti lilha, il-kumpanija ma kelliex triq ohra hlief dikli tittermina l-impieg taghha. Il-konsulenti kienu tal-fehma wkoll li ma kienx possibbli li jigi tollerat precedent hekk perikoluz,fejn il-haddiem hu ta liema posizzjoni hu, ikollu l-ghazla libera li jista jwarrab ir-responsabilitajiet tieghu f'mument ta' pressjoni kbira fuq il-fabbrika, minghajr ma johloq sitwazzjoni inaccettabli.

Minhabba diffikultajiet serji li sabet ma wicca l-fabbrika bl-assenza ta' Mrs Xuereb, il-kumpanija ma kelliex triq ohra hlief li tittermina l-impieg kif ghamlet b'ittra Dok 1C, gew ikkwotati wkoll termini specifici li jirrigolaw it-terminazzjoni tal-impieg Dok 1B.

Il-kumpanija f'Gunju 1982 ghall-ewwel darba minn Awissu 1981 meta x-xoghol ta' Mrs Xuereb gie terminat, hasset il htiega li timpjega aktar knitters u kitbet lill-Labour Office Dok 1D.

.../5

Peress li Mrs Xuereb wriet ix-xewqa li tahdem maghna u fl-istess waqt biex inzommu l-weghda li tajniha fl-ittra tat-12 ta' Awissu 1981 ahna bghatnilha nota Dok 1E u offrejnilha l-impieg u hi accettat wara gimgha mill-ittra taghna.

Is-Sur L. Debono, rapprezentat ta' Mrs Xuereb gie mgharraf li peress li Mrs Xuereb regget bdiet tahdem mal-kumpanija u zmien kien ta' anqas minn sena mit-terminazzjoni tal-impieg taghha, hija kienet ser izzomm is-Seniority li kellha qabel it-tmiem tal-impieg.

Il-kumpanija temmen li l-haddiem ghandu jigi moghti trattament xieraq u gust. Minn naha l-ohra pero, fil-waqt li l-haddiem ghandu jigi akkomodat fil-bzonnijiet genwini tieghu, irid joqghod attent li ma johloqx sitwazzjonijiet intollerabbli u inkontrollabli, b' detriment ghall-haddiema kolla fl-istess intrapriza.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-kumpanija thoss ruhha ghal kollox gustifikata fid-decizjoni li kienet konstretta li tieghu.

5. <u>Dokumenti</u>

Gew ipprezentati dawn id-dokumenti. Dawn kienu kopji photostati tal-originali.

| | |
|---|---|
| Dokument 1 | Statement of Case tal-Kumpanija M.K.I. |
| Dokument 1A | Kuntratt tax-Xoghol bejn M.K.I. u Mrs Gracie Xuereb |
| Dokument 1B | Parti mill-Artikolu mill-Ligi dwar temm ta' kuntratt ta' Servizz |
| Dokument 1C | Ittra dwar tmien tal-Impieg |
| Dokument 1D | Talba lid-Dipartiment tax-Xoghol |
| Dokument 1E | Offerta ta' xoghol lil Mrs Grecie Xuereb |
| Dokument 1F | Clock Card ta' Mrs Gracie Xuereb |
| [illegible] | [illegible] |
| [illegible] | [illegible] |
| [illegible] | [illegible] |
| [illegible] | |

..../6

Dokument 2 Ittra bhal Dok 1C

Dokument 3 Ittra mis-Sur L. Debono lis-Sur S. Zammit

Dokument 4 Twegiba mis-Sur S. Zammit ghal Dok 3

Dokument 5 Kopja ta' eertifikat dwar il-marda tat-tifel ta' Mrs Gracie Xuereb.

Id-dokumenti 2,3,4 u 5 gew ipprezentati mis-Sur Lino Debono.

It-Tribunal sema xhieda ta' Dr Grech qabel l-appellant biex dan ix-xhud ikun jista jkompli jaqdi d-doveri tieghu ta' tabib.

6. Xhieda

Dr Grech qal li wara li kien ezamina t-tarbija u sab li ma kienitx tista tharrek kuxtejha issuspetta xi haga gravi fl-ghadam u qal li dan ma kienx kaz li tinzamm id-dar. Dan il-kliem kien qalu lil omm l-appellant li kienet qed tiehu hsieb it-tarbija.

Wara ma regghax raha t-tarbija.

Fuq mistoqsija tas-Sur Zammit, Dr Grech qal li ma jidhirlux li qal lill-appellanta biex ma tmurx ghax-xoghol. Imma t-tarbija bghatha l-isptar ghax hass li kien kaz serju.

Mrs Xuereb, l-appellant, bil-gurament qalet li fil-11 ta' Awissu gie ragel jghidilha li ommha (omm Mrs Xuereb) bghatet tghidilha li t-tarbija ma tiflahx u marret talbet permess lil-Miss Pauline Tabone biex tohrog u din hallietha.

Il-hin kien madwar il-11.00. L-ghada cemplet lil Miss Tabone u qaltilha li t-tabib iridha taqghod ghaxart ijiem mat-tifel.

Jien ghidtilha ghaxart ijiem, qaltli ma jistghax joqghod xi hadd mieghu? ghadtillha li le u hi accettat.

Fit-13 ta' Awissu irceviet karta li ma fihmithiex u meta cemplet fil-21 ta' Awissu qalulha li ma kellhomx xoghol ghaliha u meta jkun hemm jibghatu ghaliha. Dan qalhulha s-Sur Zammit meta cemplet.

Meta qalulha hekk marret ghand is-Sur Debono biex jghinha. Biex regghet dahlet tahdem kienet irceviet ittra.

Mistoqsija mic-Chairman l-appellant qalet li kienet mizzewga u li zewgha kien jahdem.

It-tifel ma kienitx marret tarah l-isptar, izda t-tabib kien taghulhom bil-patt li jhalluh fis-sodda, bla jitharrek ghal ghaxart ijiem, kienu haduh l-ghada ukoll l-isptar u kienet tigi nurse id-dar u taghtih injection.

Fil-fabbrika kienet tahdem bhala sampler u kien hemm haddiema ohra li jaghmlu dan ix-xoghol u kienu barra fil-fabbrika u ma dahlux.

Dwar leave qalet li kienet tiehu , imma hafna drabi il-leave kien jinghata meta jridu l-management. Ma kienitx thobb tfalli u mard ma tiftakarx li kellha aktar minn jumejn.

Is-Sur Debono ried jaf jekk giex li ntalab il-leave u ma giex moghti u l-appellant wiegbet li gieli talbu gurnata leave u giet michuda u qalet li meta ma jittiehidx il-leave kollu, jiehduh is-sena ta' wara.

Kontro ezami mis-Sur Zammit.

L-appellant wiegbet li l-leave dejjem haditu imma meta kien irid il-management.

Dwar haddiema mis-sampling area li kienu jahdmu barra qalet li kien hemm hafna li kienu jaghmlu s-sampling imma dak in-nhar kienu fuq production. Ma kienitx f'posizzjoni li tkun taf il-haddiema kif l-ahjar jigu mpjegati.

Is-Sur Zammit fuq talba tac-Chairman, qal li hu ried juri li l-haddiema qatt ma tilfuh il-leave, u li l-appellant ma setghitx tiddeciedi jekk kienx hemm haddiehor biex jiehu postha, jekk tonqos mix-xoghol.

Meta cemplet lil Miss Tabone qaltilha li kellha bzonn ghaxart ijiem. Hi accettat u kieku qaltilha le, kienet tigi ghax-xoghol.

Ghal-bzonn forsi kienet terga tmur ghax-xoghol.

L-ittra li rcievet qrata imma ma fehmithiex, ghax kienet bl-Ingliz u ma staqsiet lil hadd xi tfisser ghax kienet serhet mohha billi Miss Tabone qaltilha 'iva'.

Hija ma basritx li giet imkeccija la darba Miss Tabone qaltilha 'iva'.

Mistoqsija mit-Tribunal l-appellanta qàlet li lil Miss Tabone qaltilha li riedet ghaxart ijiem ghax it-tobba hekk kienu qalulha. Lil Miss Tabone meta qaltilha setghet taghthomlha 'without pay'.

Is-Sur Zammit intervena u qal li din hi konferma li ma talbitx leave.

L-appellanta qalet li hadd ma qalilha li jekk ma tmurx ghax-xoghol ser titkecca - Qalulha 'iva' biss. L-ghada rcieviet il-karta li qalula li keccewa, ma fehmithiex. Meta cemplet, wara, qalulha biex ma tmurx ghax-xoghol. Ghaldaqshekk talbet il-ghajnuna tas-Sur Debono.

<u>Miss Pauline Tabone</u> Fil-bidu tax-xhieda taghha Miss Tabone, giet mitluba, mis-Sur L. Debono jekk taghmilx parti mill-management tal-M.K.I. u wiegbet fl-affermattiv u qalet ukoll li fl-assenza tas-Sur Silvio Zammit, tiehu responsabbilita tal-fabbrika. Qalet ukoll li l-appellant kienet tahdem fis-Section taghha u kienet haddiema tajba.

Ic-Chairman irrimarka li quddiem it-Tribunal ma kienx hemm kwistjoni jekk l-appellant kienitx tajba jew hazina fuq ix-xoghol.

Ix-xhud ikonferma dak li kienet xehdet l-appellant dwar dak li gara fil-11 ta' Awissu, 1981.

L-appellant kienet qed tahdem fuq knitting machine u meta qalet lix-xhud li ghandha bzonn tmur id-dar, din hadet ir-responsabbilita u hallietha tmur.

.../9

L-ghada complitilha l-appellant u qalitlha li t-tabib qallha li kella toqghod ghaxart ijiem mat-tifel ghax kien marid serju. Ix-xhud ghamlitilha cara li ma setghux jghaddu minghajrha u staqsietha kelliex lil xi hadd biex joqghod mat-tifel u wkoll "nghidlek x'nghidlek minthix ser tigi?" u Mrs Xuereb kien t wiegbet, li ma kien hemm hadd u mhux gejja ghax-xoghol.

L-appellant kienet taf kemm hemm bzonnha ghax li style taghha tghallmitu hi biss u kienet bdiet fuqu hi u kienu f'dak iz-zmien kif intqal fli-statement of case. Ix-xhud qalet li l-appellant hadet decizjoni, kellha zewg obbligazzjonijiet; li toqghod mat-tifel u li tigi ghax-xoghol u naturalment ghazlet li aktar wiehed li hasset ......

Ix-xhud ma qalitx lill-appellant x'jigri wara l-assenza taghha. Hija rreferit il-kaz lil Mr Zammit, qaltlu li riedet replacement u x'gara wara ma kienitx decizzjoni taghha.

Kompliet tghid, ix-xhud, li hi ma ghamlitx pressjoni fuq Mrs Xuereb, ghax kienet tmur kontra dak li thoss. Biss Mrs Xuereb kienet taf l-importanza tax-xoghol li kienet qed taghmel.

Is-Sur Debono approva jfakkar lix-xhud jekk hi fit-telefonata kienitx qalet il-kliem 'All right' lil Mrs Xuereb. Ix-xhud kienet fid-dubju jekk qalitx dan il-kliem, ghax din hi espressjoni komuni.

F'intervent mic-Chairman, Miss Tabone qalet li ma kienitx taf x'ser jigri mill-appellant, ghax kull ma ghamlet wasslet il-messagg li qaltilha.

Hi qalet ukoll li hi tifhem dak li ghamlet Mrs Xuereb, ghax ghandha hutha li ghandhom l-ulied.

Ix-xhud ma setghatx tikkonferma jekk gietx ikkonsultata dwar l-ittra li baghat is-Sur Zammit lill-appellant.

In-numru ta' samplers fil-fabbrika kien bejn 14 u 20 fiz-zmien tat-tkeccija ta' Mrs Xuereb, u flok Mrs Xuereb giet fuq il-makna taghha 'knitter'. Din giet mibghuta mis-Sur Zammit u mhux ghazlitha hi. Ix-xoghol li ntilef ma kienx dak li kienet qed taghmel l-[illegible] appellant, imma dak li kienet qieghedha taghmel in 'knitter' qabel hadet post l-appellant.

Ix-xhud tenniet li hi parti mill-management, ghad li hi kienet responsabbli mis-'Sampling Area'. Fin-nuqqas tas-Sur Zammit, [illegible] taghmel floku, imma ma tiehux passi dixxiplenarji, anzi s-Sur Zammit meta jkun nieqes icempel kuljum, anke jekk ikun imsiefer u jekk jinqalghu affarijiet serji fost il-haddiema kienet tibghathom id-dar u l-kaz jinqata mis-Sur Zammit, meta jirritorna ghax-xoghol.

It-Tribunal ried jaf jekk dahhlux lil xi hadd biex jimla l-vojt ta' l-appellant meta din giet imwaqqfa mix-xoghol. It-twegiba kienet li ma dahal hadd.gdid.

Ix-xhud fuq mistoqsijiet tas-Sur Zammit qalet li hi ma kelliex awtorita tiddeciedi fuq leave, jew 'personal problems' u meta cemplet l-appellant ma talbitx leave, imma fehmet li l-appellant fissret li jigri x'jigri mhux ser tigi ghax-xoghol. F'dak iz-zmien fil-fabbrika kienu qed jahdmu bl'overtime inkluz is-Sibt u gieli hadmu bix-'Shift' sal 10 p.m. u ghaldaqshekk ma setghux jaghtu leave.

<u>Is-Sur Silvio Zammit (Manageing Director)</u> xehed li gie informat li Mrs Xuereb ma setghitx tmur ghax-xoghol ghal mill-anqas gimghatejn. Ma kellux dubbju dwar il-marda tat-tarbija, u ma kellu ebda nota hazina fuq l-appellant, pero ried jara kif il-kaz ser jiffettwa l-fabbrika kollha u ghalhekk irrefera l-kaz lil kunsulenti u l-parir ta' dawn kien li din wriet li ma tistax terfa u tonora r-responsabbilitijiet skond il-kuntratt tax-xoghol. (Dok 1A) Item minnhom hu li ma tistax tassenti ruhha minn fuq ix-xoghol bla permess. Hu ma setghax jaghtiha dan il-permess ghax l-appellant ma talbitx imma ghamlet 'statment' li ma tistax tigi ghax-xoghol u l-parir [illegible]

.../11

legali kien li nitterminawlha x-xoghol u qalulna li jekk naccettaw il-kaz (l-assenza ta' Mrs Xuereb) inkunu qed noholqu precedent.

Ix-xhud iccekkja l-ligi biex jara jsibx xi parti li setghet tolqot il-kaz tal-appellant biex forsi jaghtiha ragun u jzommha fl-impieg u jkollu difiza ghal din l-eccezzjoni. Pero ma sab l-ebda parti fil-ligi: C.E.R.A.: li tolqot il-kaz u ghalhekk ha l-azzjoni tat-temm tal-impieg, imma fl-istess waqt qalulha li meta tkun f'posizjoni li terga tahdem regolari, il-kumpanija (M.K.I.) terga tikkonsidera l-applikazzjoni taghha.

Fuq mistoqsija tat-Tribunal ghax l-appellant ma gietx moghti twissija, ix-xhud tenna li l-appellant ghamlet statement of fact - "Jiena m'inhiex lesta nigi ghax-xoghol" Page 61.

L-ittra lill-appellant kitbuha fit-12 ta' Awissu u kieku kellha hsieb li terga tidhol kienet tikkuntattja l-fabbrika malajr u mhux wara ghaxart ijiem. Kieku ghamlet hekk, giet lura malli rcieviet l-ittra konna nghidulha "O.K. la lesta tidhol ma gara xejn" Page 63.

Fil-kontro ezami mis-Sur Debono dan qal li dawn riedu jkeccuha minhabba redundancy, u x-xhud wiegeb li kienu qed jaghmlu hafna overtime, allura zgur ma kienx hemm lok ta' sensji.

Ix-xhud spjega kif kienet tahdem il-fabbrika f'dak il-perijodu tal-incident u mistoqsi mit-Tribunal jekk kienx hemm kazi bhal tal-appellant wiegeb li ma kienx hemm.

Id-decizjoni tat-terminizzjoni tal-impieg tal-appellant hadha ix-xhud u kienet ibbazata fuq paragrafu 2 ta' Dok 1A.

Fit-tkomplija tal-kontro ezami, is-Sur Debono ikkwota minn ittra li rcieva minghand is-Sur Zammit Dok 3 u 4 u allega li tkeccew hafna nies mill-fabbrika, u x-xhud qal li ma tkeccewx.

F8din il-fazi kien hemm ukoll argument bejn ix-xhud u s-Sur Debono dwar il-kopja tad-discharge certificate u fuq mistoqsija tat-Tribunal l-appellant qalet li hi ma marritx tirregistra ghax-xoghol.

7. Wara x-xhieda tas-Sur Zammit inkluz il-kontro ezami mis-Sur Debono kien hemm bdil ta' fehmiet bejn it-Tribunal, is-Sur Zammit u s-Sur Debono, dwar jekk inghatawx sensji ohra mill-Fabbrika u dwar id-dhul tal-haddiema fil-Union. Il-haddiema dahlu fil-Union fi Frar 1982. Minn dak li ntqal deher li kien hemm haddiema li spiccaw u meta dahlet il-Union l-ewwel nies li [illegible] gew mghajjta lura kienu dawn il-haddiema, dan sar bi qbil ma l-Union. F'din il-fazi Mrs Xuereb ma gietx mghajjta lura ghax-xoghol.

8. Fil-final submissions is-Sur Debono tenna hafna minn dak li kien qal fli-Statement of Case u ghamel enfasi dwar it-tkeccija tal-appellant. Din ma kienitx gusta ghax ma kienx jidher li l-appellant kisret xi parti mill-kuntratt. Talab lit-Tribunal jaghti kaz taz-zmien twil li damet barra mix-xoghol Mrs Xuereb, qal li din meta falliet ghaxart ijiem u kien ghad ghandha tmien t-ijiem leave. Fil-fatt dawn hallsuha taghhom ma l-ahhar hlas (b'cheque).

Is-Sur Debono ghamel attentati biex jiddiskuti mal-management dwar l-appellant u dan ghamlu f'ittra li baghat lis-Sur Zammit fit-23 ta' Awissu (Dok 3) fuq din l-ittra kellu risposta negattiva u meta ra l-attitudni tal-management ma kompliex jippressa fuq il-kaz, pero kien iltaqgha darba ohra mas-Sur Zammit imma ma waslux fi ftehim.

Finalment qal li Mrs Xuereb giet imsejha lura ghax-xoghol meta l-Mangement sar jaf li wasal iz-zmien li kaz jibda jinstema mit-Tribunal. Dawn kienu manuvri, qal is-Sur Debono, biex it-Tribunal forsi jara kaz quddiemu li l-appellant ikun rega beda jahdem ma l-istess fabbrika li minnha kienet tkecciet.

Is-Sur Debono ghar-ragunijiet li semma, sostna li tkeccija ta' Mrs Xuereb ma kienitx gusta u hi ghandha tigi mhallsa l-pagi u l-beneficcji kollha li tilfet tort tal-management.

Final submissions mis-Sur S Zammit ghal kumpanija M.K.I., qal li fl-Statement of Case kien hemm car il-posizzjoni tal-fabbrika fiz-zmien li spiccat l-appellant u meta s-semmew il-minacci u l-kuntratti minn familjari dan sar biex jinghata 'background' biex it-Tribunal jifhem ahjar il-kaz. Il-kliem li ntuza - inaccettabli u perikluz - kien ghax meta persuna tqanqal xi haga, din tohloq sitwazzjoni u meta jigri hekk ikollok l-ghazla jekk taccetta jew ma taccettax. Jekk taccetta ikun precedent ghal sitwazzjoni ohra. Jekk ma taghmel xejn, tkun hloqt precedent ghax tkun accettajt is-sitwazzjoni.

Meta cemplet Mrs Xuereb fil-21 ta' Awissu, kien tard wisq ghax fil-fatt ghaddew l-ghaxart ijiem li kienet specifikat fl-ewwel telefonata fit-12 ta' Awissu.

Kieku Mrs Xuereb irritornat immedjatament, kienet issolvi l-problema kollha. Pero meta giet l-opportunita bhal ma weghidniha offrejnilha l-impieg avolja ma kienitx registrata ghax-xoghol fil-Labour Office.

Ix-xoghol li ntilef mill-fabbrika kien dak li waqfet minnhu in-knitter li tpoggiet flok Mrs Xuereb u ma setghux ikomplu dik l-ordni ghax kienu qed jahdmu maximun overtime - ma setghux iziedu aktar sieghat ta' xoghol.

9. <u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>

Il-fatti li sema t-Tribunal kienu juru li dan il-kaz inholoq minn cirkostanzi li l-appellant ma kellux kontrolli fuqhom, ghax il-mard huwa fattur li ma tistax tbassru, tipposponieh, jew iggibu f'data jew granet li jaqbel lilek, u l-fatti wrew li fl-aktar zmien li l-fabbrika li maghha kienet tahdem l-appellant, kellha l-aktar pressjoni ta' xoghol u mill-produzzjoni ta' dak iz-zmien kien

.../14

jiddependi l-prosperita futura tal-fabbrika, l-appellant missitha l-isfortuna li binha; tarbija; marad u kellha quddiemha l-problema li jew tkompli taghti servizz taghha lil-fabbrika, jew iddur b'binha ghax hekk kien mehtieg. L-appellant ghazlet bhala omm li l-ewwel doveri taghha kien lejn binha u filwaqt li gharrfet lill-fabbrika b'din id-decizjoni, tilfet ix-xoghol.

Minn naha tal-kumpanija M.K.I. iffaccata b'din is-sitwazzjoni, ghazlet direttament li l-appellant kella tkompli taqdi doveri taghha lejn il-kumpanija u ghaldaqshekk temmet l-impieg tal-appellant, imma fl-ittra li bghatitilha qaltilha wkoll li meta l-appellant tkun f'posizzjoni li tahdem regolari, tista tapplika u l-kumpanija taghti lil din it-talba l-attenzjoni mehtiega (Dok 1C) Ma kienx hemm dubju li l-marda tat-tifel tal-appellant kienet xi haga vvintata biex Mrs Xuereb twarrab mix-xoghol ghal granet ghal xi raguni ohra, anzi, fix-xhieda tan-naha tal-management, Miss Tabone u Mr Zammit urew simpatija mal-kaz tal-appellant u l-ittra tal-management dwar it-terminazzjoni tax-xoghol taghmel dan car meta qalulha li huma jiddispjacihom dwar il-marda tat-tifel. (Dok 1C)

Minkejja dan jidher li l-Management tal-M.K.I. ma setax jaccetta l-falliment tal-appellant ghax hassew li kieku accettaw dan u regghu haddmu lil Mrs Xuereb meta din gharrfithom b'telefonata fil-21 ta' Awissu li lesta tidhol ghax-xoghol kienu jkunu qed joholqu precedent li kien ikollu riperkuzzjonijiet fuq haddiema ohra fil-fabbrika, meta dawn jitolbu xi leave li ma jkunx jista jinghata.

Ippruvaw isibu xi haga fic-C.E.R.A. li setghet twittilhom it-triq ghal-kaz tal-appellant, ma sabiex, u waslu ghat-terminazzjoni tal-impieg taghha.

Il-precidenti isiru ghax jinholqu kazi li hadd ma jkun jistennihom u fil-hajja dawn jinqalghu, imma l-precedenti jew ahjar sitwazzjonijiet strambi ma jistghux jistennew l-aktar f'industrija u xi decizjoni biex issolvi l-problemi bhal dawn iridu jittiehdu fi zmien qasir. Il-biza tal-holqien ta' precedent m'ghandux iwassal

biex id-decizzjoni li titiehed biex tigi solvuta l-problema tkun zoppa, jew kontra l-gustizzja, ghax it-Tribuanl jifhem li f'dan il-kaz li ghandu quddiemu anke decizjoni tat-terminazzjoni tal-impieg tal-appellant u l-offerta ta' l-ghoti lura tax-xoghol, taht certi kondizzjonijiet, huma precedent.

Fil-fehma tat-Tribunal paragrafu 2 tal-Kuntratt tax-xoghol (Dok 1A) li fuqu b-baza ddecizjoni tieghu l-Management jghid li min jiehu l-leave bla permess tal-Management jista jigi mkecci minnufih. Dan il-kuntratt hu miktub bl-Ingliz u hemm il-kelma 'may be dismissed' mhux 'will be dismissed' u l-uzu tal-kelma 'may' taghti cans lil-management li juza l-bonn sens tieghu meta jigi biex japplikah.

Dan ma sarx u l-management ha l-linja estrema u kecca lill-appellant.

Il-management ippressat ghax ma uzax xi forma ta' warning qabel ha l-pass ta' tkeccija qal li l-appellant ghamlet 'statement of fact' meta qalet li ser iddum nieqsa ghaxart ijiem mix-xoghol minhabba l-marda ta' binha.

Il-management fil-fehma tat-Tribunal kellu zewg punti li tellfuh is-sens umanitarju fil-kaz ta' l-appellant (1) Il-produzzjoni fil-fabbrika, u din kienet tirrifletti wkoll fuq il-futur tax-xoghol u l-progress materjali u finanzjarju tal-kumpanija, u ndirittament fuq l-impieg tal-haddiema u (2) it-talbiet tal-haddiema biex jiehdu l-leave f'dak iz-zmien ta' pressjoni ta' xoghol fil-fabbrika.

Il-management qal ukoll li kieku l-appellant giet lura ghax-xoghol kmieni wara li rcieviet l-ittra kienet tigi accettata u kien jintemm kull tilwim.

It-Tribunal ma jistghax jaghti konsiderazzjoni lil din id-dikjarázzjoni ghax ihares lejn dak li gara, il-fatti, u mhux lejn x'setghet ghamlet l-appellant.

Kieku sar hekk it-Tribunal ma kienx ikollu quddiemu dan il-kaz.

L-appellant meta rcieviet l-ittra qalet li ma fehmitiex, imma setghet sabet mezz biex tkun taf x'qalulha. Jidher ukoll, la ma marritx tirregistra, li kellha xi tama li tissejjah ghax-xoghol aktar kmieni, l-attentat tas-Sur Debono fil-fehma tat-Tribunal, biex jiltaqa mal-management dwar il-kaz tal-appellant ma rnexxiex, ghax il-management wieghbet l-ittra tieghu fuq ton li kitiblu s-Sur Debono u evada l-issue.

Is-Sur Zammit waqt it-trattazjoni tal-kaz qal li t-terminazzjoni tal-impieg tal-appellant kien temporarju. Fil-fatt l-ittra tat-terminazzjoni tal-impieg hekk tfisser ghax fit-tieni paragrafu, giet imweghda li terga tigi mhaddma, taht certu kondizzjonijiet.

Fil-fatt hekk gara ghax l-appellant regghet bdiet tahdem mal-fabbrika L.K.I. minn Gunju, 1982.

Jidher ghaldaqshekk li l-appellant twaqqfet mix-xoghol biex isservi ta' ezempju u mhux ghax kisret xi parti mill-kuntratt tax-xoghol li kienet iffirmat u l-kumpanija bl-ittra li bghatitilha kienet qed taccetta li din hi forma ta' sospensjoni u mhux tkeccija. Li gara kien li din is-sospensjoni kienet indefinita u mhux limitata u t-Tribunal ma jaqbilx ma kastig li nghatat.

Ghaldaqshekk it-Tribunal jaghti dan l-award.

1. Iz-zmien li damet ma tahdimx l-appellant ghandu jitqies bhala sospensjoni.

2. Matul dan iz-zmien l-appellant ghanda tircievi nofs il-paga li kienet tithallas li kieku baqghat tahdem regolari minghajr sahra.

3. Jithallsu l-bolol tas-sigurita nazzjonali skond il-ligi, matul dan iz-zmien ta' sospensjoni

4. Il-hlas skond dan l-award ghandu jsir f'darbtejn sa mhux aktar tard minn xahar mill-ghoti ta dan l-award.

.../17

5. Jithallas ukoll lil-appellant il-Bonus, skond il-ligi taz-zmien kollu li damet sospiza.

B'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

C. ROWE
Chairman

Edw. F. Abela
A/Segretarju

Data: 13 ta' Awissu, 1982

ja